MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 3 ta' Awwissu, 2017

Rikors Revoka Numru 82/17LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 32/2016 fl-ismijiet:

**Lucianne Caruana (K.I. 0283581M) f'isimha u bħala kuratriċi ad litem ta' binha Ryan Caruana**

***vs.***

**Roderick Caruana (K.I. 0182880M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-6 ta' April, 2017 minn **Roderick Caruana** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent sekwestrat"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju akkordat fil-11 ta' Frar, 2016 l-intimata Lucianne Caruana talbet li s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti u l-krediti parafernali u l-mantentiment jiġu kawtelati u kwantifikat dan il-kreditu għal tliet mitt elf euro (€300,000) (Dok A[1]);*

2. *Illi l-assi li ġew kolpiti b'dan il-mandat ta' sekwestru jammontaw għal €44,527.17 li ġew depożitati l-Qorti permezz ta' ċedola numru 25/2016 (Dok. B[2]);*

3. *Illi l-assi immobbiljari tal-konjuġi Caruana jikkonsistu f'appartament numru (4), Skyline Court, Triq il-Ħareb, Għaxaq deskritt fuq il-kuntratt tal-akkwist bħala appartament numru (4) fit-tielet sular (second floor) formanti parti minn blokka ta' appartamenti u garaxxijiet mibnija minflok id-dar bin-numru sitta u disgħin (96) bl-isem 'Melder Kim' fi Triq il-Ħareb, Għaxaq mixtri mill-partijiet flimkien u basement garage fl-istess blokk li nxtraw fuq isem iż-żewġ partijiet permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia datata 20 ta' Frar, 2007 (Dok. C[3]) u li f'liema kuntratt hemm kanonizzat ukoll il-kreditu parafernali tal-konjuġi mara. Illi l-partijiet bonarjament ftiehmu li din il-propjetà għandha valur ta' €145,000;*

4. *Illi tul il-kors tal-medjazzjoni s-sekwestranti talbet li jiġi likwidat il-manteniment u l-Qorti ordnat lill-esponent iħallas manteniment ta' €200 fix-xahar għat-tifel minuri kif jirriżulta mid-digriet anness u mmarkat Dokument D.[4] Illi dan il-manteniment jitħallas puntwalment;*

5. *Illi fil-kors tal-proċeduri ta' medjazzjoni numru 210/16 ġew esebiti kontijiet bankarji f'isem iż-żewġ partijiet u rriżulta li s-sekwestranti tul il-kors tas-snin kienet żbankat is-somma ta' €60,000 kif jirriżulta mill-istatements bankarji annessi u mmarkati Dokument E;[5]*

6. *Illi t-talba tas-sekwestranti hija għalhekk manifestament eċċessiva u mhux ġustifikata inkwantu huwa kalkulat fuq ammonti fittizzji u fuq premessa li l-komunjoni tal-akkwisit tal-partijiet hija ċirka €600,000 meta fl-aħjar ipoteżi l-komunjoni tal-akkwisti tammonta għal ċirka €250,000;*

---

[1] *A fol.* 3 sa 7.
[2] *A fol.* 8.
[3] *A fol.* 9 sa 17.
[4] Digriet *a fol.* 18 datat 31 ta' Mejju, 2016.
[5] *A fol.* 19 sa 25.

7. *Illi rriżulta li s-sekwestranta żbankat mill-kontijiet bankarji tagħha aktar flus mill-flus li r-rikorrent Roderick Caruana kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu u għalhekk se mai għandu jkun hemm kreditu favur ir-rikorrenti u mhux bil-kontra;*

8. *Illi f'kull każ il-kreditu parafernali tas-sekwestranta huwa kawtelat anki mingħajr dan il-mandat kawtelatorju peress li l-propjetà immobbli tappartjeni liż-żewġ partijiet u l-kreditu parafernali tagħha huwa diġà kanonizzat fil-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà għal Lm11,500 u ċjoè €26,787;*

9. *Illi fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jinżamm fis-seħħ għaliex mhuwiex meħtieġ jew ġustifikabbli;*

10. *Illi l-esponent qed jitlob ukoll li jiġu applikati fil-konfront tas-sekwestranta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li t-talba tal-intimata* (recte) *Lucianne Caruana kienet waħda li saret b' malizzja, hija frivola u vessatorja;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatoju fl-ismijiet premessi a bażi tal-artikolu 836 (d) u / jew 836 (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontra s-sekwestranta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat ir-Risposta ta' **Lucianne Caruana** (minn issa 'l quddiem "l-intimata sekwestranta") li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Mejju, 2017, li biha ġie kontestat:

1. *ILLI l-esponenti tikkonferma li hija xtaqet tikkawtela ruħha fis-somma ta' €300,000 u dan għar-raġunijiet segwenti:*

    a. *illi għal żmien twil, ċirka ħames snin (2010-2015), ir-rikorrent kien jaħdem b'paga ta' ċirka €2,400 fix-xahar, minn liema paga in-nofs tal-istess kienu jitħallsu fi flus kontanti b'evażjoni tal-liġijiet fiskali, apparti li r-rikorrent kien jagħmel xogħol part-time ta' quantity surveying u ta' draughtsmanship u kien joqgħod attent ħafna li qatt ma juri lill-esponenti xi flus kien jaqla' minn tali xogħol, u għalhekk l-esponenti wkoll ħasset li kellha tikkawtela ruħa;*

    b. *illi tul iż-żwieġ kollu, ir-rikorrenti kien iġiegħel lill-esponenti tħallas in-nofs tal-pagamenti li huwa kien jagħmel lill-ġenituri tiegħu stess meta dan kien self illi r-rikorrenti kien ħa mingħand il-ġenituri tiegħu sabiex ikun jista' joħroġ flus daqs l-*

*esponenti in konnessjoni max-xiri tad-dar matrimonjali; u nonostante li l-esponenti ħarġet sija nofs id-depożitu u sija mill-2006 kienet toħroġ mill-paga tagħha nofs dawn il-pagamenti ta' Lm300 (sussegwentement €350) fix-xahar, il-proprjetà għadha sal-lum tat-tnejn indaqs, u għalhekk ukoll kellha tikkawtela ruħha;*

c. *illi r-rikorrent huwa impjegat mal-Gvern b'kuntratt speċjali bħala "person of trust", u dan ifisser illi minn żmien għal żmien ir-rikorrent jista' ma jibqax bl-istess impjieg u jista' addirittura jieqaf jaħdem jew jemigra kif kien hemm minn għamel biex ma jħallasx il-manteniment minnu dovut; għalhekk, il-liġi tagħti r-rimedju li fejn ikun opportun il-Qorti tista' tordna l-ħlas ta' lump sum payment minflok ħlas perjodiku, u l-esponenti għandha kull dritt titlob tali lump sum payment;*

d. *illi matul il-ħajja miżżewġa tal-partijiet, nonostante li r-rikorrent kien dejjem jaqla' d-doppju u iktar ta' kemm kienet taqla' l-esponenti bħala factory machine operator, ir-rikorrent kien dejjem jinsisti li l-ispejjeż kollha tal-ħajja jinqasmu rigorożament nofs bin-nofs bejn iż-żewġ partijiet, u inoltre qatt ma saru kapriċċi u anke l-ħruġ kien limitat; għalhekk is-somma msemmija fil-mandat ta' sekwestru tiġbor fiha sija s-somma li l-esponenti ħasset li r-rikorrent warrab matul iż-żwieġ u sija somma li tista' raġonevolment tikkawtela l-ħlas ta' manteniment futur;*

2. *ILLI meta l-esponenti intavola s-sekwestru impunjat, fil-kont tar-rikorrenti inqabdet is-somma ta' €44,527.17; l-esponenti f'dan l-istadju, sabiex l-istess flus ma jiġux depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti bl-ispejjeż relattivi, issuġġeriet illi l-mandat jiġi revokat b'dan illi l-flus inkwistjoni jiġu depożitati f'kont konġunt bejn il-partijiet, anki billi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-flus inkwistjoni kienu tal-komunjoni; ir-rikorrent għall-ewwel aċċetta, biex imbagħad reġa' bdielu u għalhekk tali flejjes ġew depożitati;*

3. *ILLI r-rikorrent qed jilmenta li l-esponenti ġibdet mill-kontijiet bankarji tagħha s-somma ta' €60,000. Dan mhuwiex minnu, u r-rikorrent qed jipprova jqarraq b'din l-Onorabbli Qorti. L-esponenti qatt ma pprelevat somma ta' €60,000, iżda diversi somom, matul diversi snin, saħansitra sa minn qabel ma żżewġu l-partijiet, li biż-żmien jammontaw għal €60,000. Dawn kienu flus parafernali li kienu fil-kontijiet personali tagħha, u qatt ma kienu fi, jew inġibdu minn, xi kont konġunt, u għalhekk mhuwiex rilevanti għall-vertenza odjerna;*

4. *ILLI għalkemm l-esponenti talbet il-ħruġ tal-mandat fl-ammont ta' €300,000, inqabdet biss is-somma ta' €44,527,17 u għalhekk ir-rikorrent mhu qed isofri l-ebda preġudizzju addizjonali; lanqas il-paga tiegħu jew xi parti minnha mhi qed tiġi depożitata l-Qorti, b'mod illi l-uniku inkonvenjent li qed isofri huwa li ġew maqbuda flus li hemm qbil li huma tal-komunjoni;*

5. *ILLI l-esponenti kkawtelat ruħha kif kellha d-dritt li tagħmel skont il-liġi, mingħajr l-ebda malizzja, frivoložità jew vessatorjetà u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, u fejn ir-rikors tħalla għal provvediment għas-seduta tal-lum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrent sekwestrat jikkontendi li mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 32/2016 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat") għas-somma ta' €300,000 in kawtela ta' sehem l-intimata sekwestranta mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, krediti parafernali u manteniment dovut lilha u għal binha huwa eċċessiv, mhux meħtieġ u mhux ġustifikabbli. Dan għaliex apparti s-somma ta' €44,527.17 maqbuda bil-Mandat minn kont bankarju fuq l-isem r-rikorrent u depożitata l-Qorti, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Caruana kienet tikkonsisti fil-post ta' residenza tagħhom appartament numru (4), numru sitta

u disgħin (96), Triq il-Ħareb, Ħal-Għaxaq u *basement garage* fl-istess blokk ta' appartamenti, li nxtraw fuq isem iż-żewġ partijiet li jaqblu li dawn għandhom il-valur ta' €145,000. Ir-rikorrent sekwestrat jgħid li l-intimata sekwestranti tul il-kors tas-snin kienet żbankat is-somma ta' €60,000 minn kont bankarju f'isimha. Barra minn hekk ir-rikorrent jgħid illi kien iħallas puntwalment il-manteniment dovut. Ir-rikorrent sekwestrat qiegħed jitlob għar-revoka tal-Mandat abbażi tal-artikolu 836(1)(d) u / jew 836(1)(f) tal-Kap. 12 u qiegħed jitlob ukoll li jiġu applikati kontra l-intimata sekwestranta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

Min-naħa tagħha l-intimata sekwestranta qed tikkontendi li l-Mandat hu ġustifikat u ċertament ma nħariġx b'malizzja jew b'mod vessatorju u dan għaliex minkejja li r-rikorrent sekwestrat kellu paga ferm aħjar minn tagħha, tul iż-żwieġ tagħhom huma kienu jaqsmu nofs bin-nofs l-ispejjeż tal-ħajja mill-pagi rispettivi tagħhom u għalhekk probabbiliment f'idejn ir-rikorrent hemm flus oħra moħbija appartenenti lill-komunità tal-akkwisti. L-intimata sekwestranta tgħid ukoll illi għal żmien twil, ċirka ħames snin (2010-2015), ir-rikorrent kien jaħdem b'paga ta' ċirka €2,400 fix-xahar, minn liema paga in-nofs tal-istess kienu jitħallsu fi flus kontanti, apparti li r-rikorrent kien jagħmel xogħol *part-time* ta' *quantity surveying* u ta' *draftsmanship* u kien joqgħod attent ħafna li ma jurihiex xi flus kien jaqla' minn dan ix-xogħol. Kwantu għas-somma ta' €60,000 imsemmija mir-rikorrent sekwestrat, l-intimata tgħid li hija bdiet tiġbed partijiet minn din is-somma qabel iż-żwieġ u fi kwalunkwe każ din is-somma kienet parti mill-proprjetà parafernali tagħha. Apparti minn hekk, is-somma kawtelata tkopri wkoll il-manteniment dovut mir-rikorrent, li qed jiġi kkawtelat bħala *lump sum payment* għax teżisti l-possibbiltà li maż-żmien ir-rikorrent jevadi l-ħlas ta' tali manteniment, anki billi jitlaq minn Malta.

## Provi u riżultanzi

Illi fir-rigward ta' proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi f'dan l-istadju hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritjenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Is-sommarjetà u l-ispeditezza ta' dawn il-proċeduri huma elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li jirriżultaw espressament mis-subartikolu 836(4) tal-Kap. 12 li jgħid:

> "Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors b'urġenza jew *in camera* jew wara s-smigħ tal-avukati tal-partijiet, jekk jidhrilha xieraq, iżda ma tiġix iffissata iktar minn seduta waħda għal dan il-għan."

Mid-dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrent sekwestrat jirriżulta illi b'effett tal-Mandat ġew maqbuda minn kont f'isem ir-rikorrent mal-Bank of Valletta u depożitati l-Qorti[6], is-somma ta' €44,527.17. Jirriżulta wkoll li fl-20 ta' Frar, 2007 il-konjuġi kienu xtraw appartament u garaxx fi Triq il-Ħareb, Ħal-Għaxaq bil-prezz ta' Lm40,000, li minnhom tħallsu Lm25,500 mill-intimata u Lm14,500 mir-rikorrent.[7]

Ir-rikorrent sekwestrat **Roderick Caruana** xehed li fl-ewwel sena ta' żwieġ, hu u l-mara, l-intimata, kienu jaqsmu l-ispejjeż kollox bin-nofs, iżda fl-aħħar sitt snin kien jgħaddi lill-mara €500 għall-bżonnijiet tal-ħajja u kien iħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Ir-rikorrent jgħid li fil-bidu taż-żwieġ kien jaħdem

[6] Ċedola ta' depożitu numru 25/16, kopja *a fol.* 8.
[7] Ara *fol.* 12.

ma' kuntrattur u kellu paga ta' madwar €1,500 iżda qatt ma kellu xi xogħol *freelance* bħala *surveyor.* Għalkemm hu kwalifikat bħala *draftsman,* kien jaħdem mal-kuntrattur u l-paga kienet kollha dikjarata.

Roderick Caruana jgħid li wara l-elezzjoni tal-2013 daħal mal-Gvern bħala *person of trust* u hemm il-paga żdiedet għal €2,300[8]/€2,400[9] fix-xahar. Dwar it-tliet żbanki ta' €20,000-il wieħed li kienet għamlet l-intimata mill-2010 'l quddiem minn kont f'isimha, hu jgħid li sar jaf bihom biss wara li bdew il-proċeduri tas-separazzjoni. Ir-rikorrent xehed illi wara l-aħħar elezzjoni, min kien għażlu bħala *person of trust* inbidlulu r-responsabbiltajiet tiegħu, u spiċċa jaħdem ma' korporazzjoni tal-Gvern, il-Grand Harbour Regeneration Corporation, b'paga ta' €1,400 fix-xahar. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-i*statements* ta' żewġ kontijiet bankarji f'ismu – *e-account* u kont kurrenti[10], li qal li l-flejjes li ġibed minnhom regolarment kienu spejjeż għall-ħajja ta' kuljum għalih u għal martu. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent sekwestrat jaqbel li s-somma ta' €44,527.17 maqbuda bil-Mandat mill-kont f'ismu, kienu flejjes li ġemma waqt iż-żwieġ u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.[11] Ir-rikorrent jgħid li kienet l-intimata li xtaqet li huma jżommu l-kontijiet tagħhom separati. Rigward id-dar matrimonjali Roderick Caruana jikkonferma li apparti li l-intimata ħarġet aktar flus minnu kif dokumentat fil-kuntratt tal-akkwist stess, huma kienu ħadu self mingħand il-ġenituri tiegħu u t-tnejn li huma kienu qed iħallsu lura dan id-dejn nofs kull wieħed.

---

[8] *A fol.* 45.
[9] *A fol.* 47.
[10] *A fol.* 119 sa 182.
[11] *A fol.* 46 u 47.

Ir-rikorrent jgħid li l-Mandat kien qed jaffetwah ħażin mhux biss għax ma setax juża *debit* jew *credit cards* kif kien juża qabel, imma għax din kienet ukoll xi ħaġa li ġġiegħlu jistħi fil-karriera tiegħu u fil-ħajja privata tiegħu. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' rikors li kienet għamlet l-intimata meta kienet qed titlob għal manteniment[12], fejn hemmhekk effettivament iddikjarat li qabel ma bdew il-proċeduri bejniethom, hu kien jikkontribwixxi waħdu €500 fix-xahar għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, apparti li jħallas waħdu il-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon, *internet* u televiżjoni u dan sa Frar tal-2016. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li kienet saritlu proposta mill-kontroparti li jekk jaċċetta li s-somma maqbuda attwalment titqiegħed f'kont konġunt, il-kontroparti kienet ser twaqqa' l-mandat kawtelatorju. Però qal li għalkemm għall-ewwel aċċetta, wara li ħa parir irrifjuta għax ippretenda li l-intimata tqiegħed f'tali kont anki l-flejjes li kellha fil-kontijiet f'isimha.

**Lucianne Caruana**, l-intimata sekwestranta, xehdet li meta r-rikorrent kien jaħdem ma' kuntrattur, kien jiddikjara biss nofs il-paga biex jevadi taxxa u apparti dan kien jaħdem għal rasu bħala *draftsman* u *quantity surveyor* u jżomm kollox moħbi anki minnha u dan għal sitt snin u nofs kemm damu miżżewġin. Kwantu għall-ispejjeż tal-ħajja, dawn kienu jinqasmu nofs bin-nofs bejniethom. Wara li ġiet esebita mir-rikorrent kopja tar-rikors li kienet għamlet l-intimata għall-manteniment, fejn kienet semmiet li r-rikorrent kien qed jagħtiha €500 fix-xahar, l-intimata kkorreġiet ix-xhieda tagħha billi qalet li dan l-ammont kien beda jgħaddihulha lejn l-aħħar taż-żwieġ tagħhom għal xi sena biss.

---

[12] *A fol.* 113 u 114.

L-intimata qalet li ommha kienet tatha madwar €55,000 f'donazzjonijiet[13], bħalma kienet tat lil oħtha, wara li ommha kienet tbiegħ proprjetajiet mill-wirt tan-nanna u ta' xi zijiet, però dawn il-flus kienet tagħtihomlha in kontanti u kienet tużahom għall-ħajja ta' kuljum u għalhekk mill-paga tagħha ma kienet tmiss xejn. L-intimata spjegat però li kull sentejn kienet tiġbed mill-kont bankarju tagħha fejn kellha imġemma l-paga, is-somma ta' madwar €20,000. In kontroeżami, mistoqsija dwar l-ewwel €20,000 li ġibdet mill-kont bankarju tagħha fis-sena 2000, l-intimata sekwestranta spjegat[14] li minħabba li kienu donazzjonijiet ħasset li aħjar tużahom ommha milli jibqgħu għandha l-bank.[15] Dwar żbank ieħor ta' €20,000 li sar fl-2013 u żbank ieħor ta' madwar €18,000 li sar fil-bidu tal-2006, l-intimata qalet li użathom għall-ħajja u biex jarmaw id-dar u spjegat ukoll però li ġibdithom għax ma kienx sewwa li r-raġel jaħbi l-introjtu tiegħu minnha u għalhekk riedet il-flus tagħha. Mistoqsija wkoll in kontroeżami kif waslet għal ċifra ta' €300,000 ikkawtelata bil-Mandat, li jfisser assi totali tal-komunjoni tal-valur ta' €600,000, hija m'għarfitx tispjega dan. Hija qalet li kkalkulat l-pagi li kellu r-rikorrent, inkluż il-*part-time* u kienet ukoll qed titlob il-manteniment dovut għat-tifel bħala *lump sum payment*. Mill-banda l-oħra l-intimata kkonfermat li kemm kien ilu jħallas manteniment ir-rikorrent, huwa ma naqasx iħallas lanqas pagament wieħed.[16] Dwar l-allegazzjoni tagħha li r-rikorrent seta' jemigra u jevita li jħallas il-manteniment, l-intimata sekwestranta ma kinitx taf fejn ir-rikorrent kien intenzjonat li jsiefer u anzi qalet li veru talab għal iktar aċċess għat-tifel, imma ma kienx ikollu ħin biex iżommu. L-intimata sekwestranta esebiet kopja tat-testmenti ta' tliet zijiet tagħha, ħut ommha li mietu xebbiet u li għalhekk

[13] *A fol.* 34.
[14] *A fol.* 38.
[15] Waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-intimata qal illi dawn il-flus intefqu fit-tieġ tal-intimata.
[16] *A fol.* 41.

wirtithom ommha u kopja ta' ħames kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà tal-ġenituri tagħha biex tiġġustifika minn fejn ġew id-donazzjonijiet ta' flus kontanti li allegat li kienu jagħtuha l-ġenituri.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi kif diġà ngħad, fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi f'dan l-istadju hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritjenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et vs.* Anthony Govè *et***[17] b'dan il-kliem:

> "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[18]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti f'din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħa t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk

[17] 17.10.2001.

[18] Ara f'dan is-sens ukoll id-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Emmanuel Balzan *vs.* Francelle Agius** P.A., 16.02.2015, digriet fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 131/15; **More Supermarkets (Hamrun) Limited *et vs.* Alexander Farrugia *et*** P.A., 05.02.2015, digriet fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru. 1784/14; u **Carmelo Abdilla *vs.* Autosales Limited,** P.A., 17.05.2011.

ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-proċeduri dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħa t-talba għar-revoka tal-Mandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet.[19]

L-artikolu 836(1)(d)u (f) tal-Kap. 12 jgħid:

> "**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> *Omissis...;*
>
> *(d)* jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
>
> *Omissis...;*
>
> *(f)* jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

---

[19] Ara f'dan is-sens **More Supermarkets (Hamrun) Limited *et vs.* Alexander Farrugia *et***, *ibid.*

**Ikkunsidrat:**

**Talba għal revoka taħt l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12**

Illi l-eżami li trid tagħmel il-Qorti ai termini ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi hu wieħed *prima facie*. Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u huwa bbażat fuq dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn. Ir-rikorrent sabiex jipprova illi l-valur tal-assi tal-komunjoni hu ferm inqas minn dak pretiż mill-intimata sekwestranta fil-Mandat, jagħmel riferiment għal dak l-ammont li effettivament ġie maqbud bil-Mandat ta' €44,527.17 u għall-fatt li ma nstab xejn aktar x'jinqabad, kif ukoll għall-istima tal-valur tad-dar matrimonjali.

Tqis illi fi proċedura bħalma hija din, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-kwistjoni dwar l-ammonti żbankati mill-intimata mill-kont bankarju tagħha ta' madwar €60,000 u l-provenjenza tal-istess flus, għax jekk il-Qorti tidħol f'dan l-aspett tal-vertenza bejn il-partijiet u tqis ukoll dak li ntqal fir-risposta tal-intimata sekwestranta, tkun qed tagħmel eżami ferm iżjed profond mill-*prima facie* u tkun qed tidħol fil-mertu tal-każ, li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju.

Tqis illi minn ammissjoni tal-istess intimata, jirriżulta li r-rikorrent qatt ma falla mill-ħlas tal-manteniment.

Tqis ukoll li l-allegazzjoni tal-intimata sekwestranta li r-rikorrent jista' jemigra u jaħrab mill-obbligi tiegħu tal-ħlas tal-manteniment, meta dan għandu impjieg fis f'Malta u qed jitlob aċċess akbar għat-tifel tiegħu, mhija fondata fuq ebda element ta' prova oġġettiva.

Tqis illi dak li jidher li ġie ppruvat *prima facie* f'dan l-istadju hu li effettivament is-somma maqbuda bil-Mandat flimkien mad-dar matrimonjali tal-konjuġi, huma suffiċjenti sabiex jipprovdu garanzija biżżejjed għal sehem l-intimata mill-komunjoni tal-akkwisti, għall-manteniment tat-tifel minuri tagħhom u għar-reintegrazzjoni tal-assi parafernali tal-intimata sekwestranta.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tagħmel riferiment għall-provvediment fl-ismijiet **Desmond Stanley Stewart *vs.* Therese Mangion Galea**[20] mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta, fejn ingħad hekk:

> "Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur 'lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru."

Dan it-tagħlim ġuriprudenzjali japplika wkoll għar-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent sekwestrat li l-ammont pretiż mill-intimata sekwestranta huwa imsejjes fuq għanijiet mhux xierqa, b'animu malizzjuż u vessatorju. *Prima facie* jirriżulta li l-intimata sekwestranta kellha suspetti li żewġha kien qed

[20] P.A.(JRM), 29.07.2005 fir-Rikors Nru 336/2005.

jaħbi flejjes li kien jdaħħal mix-xogħlijiet tiegħu *full-time* u *part-time* u għalhekk ma jirriżultax li tali ammont mitlub fir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju kien għal xi raġuni oħra għajr biex l-intimata sekwestranta tikkawtela permezz tal-Mandat il-pretensjonijiet tagħha. Però mill-qbid effettiv li sar bil-Mandat, jirriżulta biss li s-suspetti tagħha kienu, għall-inqas f'dan l-istadju ta' *prima facie,* infondati. Huwa veru li kull ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bilfors joħloq disaġju għas-sekwestrat, però dan fih innifsu ma jistax jittieħed bħala xi prova li l-Mandat intalab proprju għalhekk.

Min-naħa l-oħra però jirriżulta *prima facie* li l-ammont attwalment maqbud bil-Mandat huwa biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimata sekwestranta u għalhekk it-talba tar-rikorrent sekwestrat *ai termini* tal-Artikolu 836(d) tal-Kap. 12 qed tiġi milqugħa *in parte* u l-Mandat qiegħed jiġi revokat *in parte* u ridott għas-somma ta' €44,527.17 attwalment depożitatata taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola numru 25/2016. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li kien hemm żmien fejn l-intimata sekwestranta stess kienet lesta li titlob għar-revoka tal-Mandat jekk ir-rikorrent sekwestrat kien lest jaċċetta li l-ammont depożitat il-Qorti jiġi imqiegħed f'kont konġunt bejn il-partijiet sakemm tiġi deċiża il-kawża fil-mertu.

Illi ladarba t-talba tar-rikorrent sekwestrat qiegħda tiġi milqugħa parzjalment ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u mhux milqugħa *in toto*, xorta trid tiġi kkunsidrata t-talba tar-rikorrent sekwestrat *ai termini* tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.

## Talba għal revoka taħt l-artikolu 836(1)*(f)* tal-Kap. 12

Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Bartholomeo Bonnett *et vs.* George Borg *et***[21]:

> "Illi r-raġuni waħdanija li fuqha r-rikorrenti eżekutati jibnu t-talba tagħhom għat-tħassir tal-Mandat hi li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat**,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[22] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;"

Ir-rikorrenti sekwestrat qiegħed hawnhekk jinvoka għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, l-istess raġunijiet li bbaża fuqhom it-talba għar-revoka *ai termini* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12. Id-differenza ewlenija bejn is-subinċiżi (d) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 hija li skont l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 trid tkun seħħet bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat u li minħabba f'hekk ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.[23] Din il-bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi ma tirriżultax fil-każ odjern, tant li r-rikorrent qed jallaċċja l-istess raġunijiet taħt l-artikolu 836(1)(f) mar-raġunijiet li diġà invoka taħt l-artikolu 836(1)(d), inkwantu li l-ammonti pretiżi mill-intimata sekwestranta huma eżaġerati.

---

[21] P.A., 23.10.2007, rikors nru 589/2007 (JRM).
[22] Ara P.A. GC, 03.08.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr Tonio Fenech *noe vs.* Dr Patrick Spiteri *et noe et.***
[23] Digriet fl-ismijiet **Avukat Antonio Depasquale *noe. vs.* World Match Limited**, P.A., 20.05.2014.

Din id-dispożizzjoni tal-liġi timplika li wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun seħħet xi bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' fis-seħħ, liema bidla fiċ-ċirkostanzi bl-ebda mod ma ġiet ppruvata li seħħet fil-każ odjern minn wara l-ħruġ tal-Mandat 'l hawn.

Għaldaqstant fl-ambitu tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, it-talba tar-rikorrent sekwestrat għar-revoka tal-Mandat, hawnhekk tfalli kompletament.

**<u>Talba għall-impożizzjoni ta' penali skont l-art. 836(8) tal-Kap. 12</u>**

L-artikolu 836(8) tal-Kap. 12  jipprovdi:

> "(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
>
> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

> (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;
>
> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

Il-Qorti diġà għamlet aċċenn aktar qabel illi fir-rigward ta' din it-talba li hi msejjsa biss fuq l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, ir-rikorrent ma ressaq ebda provi lanqas f'livell *prima facie,* li t-talba tal-intimata sekwestranta għall-ħruġ tal-Mandat saret b'malizzja jew kienet frivola jew vessatorja, allavolja din it-talba kienet parzjalment ibbażata fuq is-suspetti tal-intimata sa issa mhux ippruvati, li r-rikorrent kien qed jaħbi parti mill-introjtu mix-xogħol tiegħu.

Illi għar-rigward tal-impożizzjoni tal-penali ai termini tal-artikoli 836(8) tal-Kap. 12 fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jingħad:

> "... din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċioè is-subinċiżi (a) sa (d), tal-artikolu 836(8) tal-Kap.12. Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – *vide* sentenżi fl-ismijiet **Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia *vs.* Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco** deċiża fit-2 t'Awwissu, 2012 *per* Onor. Imħallef Dr. J.R. Micallef, **Cole Foods Limited *vs.* Euro Imports Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2003, per Onor Imħallef Dr. T. Mallia u **Joseph Rapa *vs.* Raymond Sammut** Appell Ċivili deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs*. Capece Construction Limited (C-52626**), fl-14 ta' Awissu, 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mill-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mill-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

Illi fil-każ odjern il-Qorti ma jidhirlix li l-bastiment Dadayli ipprova sodisfaċentement skont il-liġi li t-talba għall-arrest tal-bastiment saret "b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja." Din il-Qorti temmen illi t-talba saret bi premessi żbaljati iżda mhux intenzjonalment malizzjużi jew vessatorji u għaldaqstant, ma jikkonduċux lil din il-Qorti tinfliġġi din it-tip ta' sanzjoni."[24]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avv. Ann Fenech *noe vs.* Il-Bastiment MY Whispering Angel**[25] ingħad:

"Illi fil-każ odjern il-Qorti, wara li eżaminat l-erba' ċirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, tagħraf li s-soċjetà GMW55

[24] P.A., 12.02.2005, **Cassar Fuel Ltd *vs.* Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli**.
[25] P.A., 05.06.2015.

> esekutat ma ppruvatx, u li din il-Qorti ma jirriżultalhiex, iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali jew għal garanzija xierqa minħabba l-ħruġ tal-mandat. Irid jingħad ukoll illi l-*buona fede* hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat – *vide* **Miller Blacker** ***pro. et noe. vs.*** **Howard** - Kollezz . Vol. XXIV. i. 554."

Illi minkejja li ser tiġi milqugħa parzjalment it-talba tar-rikorrent sekwestrat għar-revoka tal-Mandat, xorta waħda ma jirriżultax lanqas f'livell *prima facie* illi s-somma ta' €300,000 kif oriġinarjament ikkawtelata bil-Mandat ma kinitx waħda li saret b'malizzja, jew frivola jew vessatorja u għaldaqstant dan ma jikkonduċux lil din il-Qorti li timponi din it-tip ta' sanzjoni.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors kif ġej:**

**1. Tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 32/16 abbażi tal-artikolu 836(f) tal-Kap. 12;**

**2. Tilqa' parzjalment ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 32/16 abbażi tal-artikolu 836(d) tal-Kap. 12, b'dan li qiegħda tirrevoka dan il-mandat *in parte*, fis-sens li qiegħda tirriduċih u tħallih effettiv biss għall-ammont li ġie effettivament depożitat il-Qorti b'ċedola ta' depożitu numru 25/2016 u ċjoè fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€44,527.17);**

**3. Tiċħad it-talba għall-impożizzjoni tal-penali kkontemplata bl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.**

**L-ispejjeż ta' dan il-proċediment huma a karigu tal-partijiet nofs bin-nofs bejniethom.**

Moqrija.